**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR50/VIII/2023**

**It-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 5 ta' Diċembru 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

**Skużat:**
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**50.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**50.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

50.2.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Debrincat.

**50.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

50.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 49 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

50.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

50.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li :-

50.4.1 Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex propona li ssir stqarrija konġunta bejn il-Kunsilli Lokali Għawdxin fejn jiġi oġġezzjonat fir-rigward ta' PA/00570/21 – Ġgantija Heights, Triq Parisott, Xagħra. Din qed issir peress li dan l-iżvilupp hu propost li jsir f'inqas minn 200 metru l-bogħod mill-Ġgantija. Il-Viċi Sindku qal li barra li hi sit tal-UNESCO, bħal-Ġgantija m'hawn imkien u hemm bżonn li tiġi salvagwardjatha. Il-membru Buttigieg qal li jaqbel ma din l-istqarrija u tenna li fil-fehma tiegħu ma kienx hemm għalfejn jiddaħħlu l-Kunsilli Lokali l-oħra għajr dak tax-Xagħra. Il-membri unanimament qablu ma' din l-istqarrija;

50.4.2 saru żewġ laqgħat fir-rigward tal-applikazzjoni għall-Belt Kulturali Ewropea, l-ewwel waħda saret fl-14 ta' Novembru 2023 fil-Parlament fejn kien hemm preżenti l-Ministru Owen Bonniċi. Fost oħrajn, għal din il-laqgħa attenda s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, il-President tar-Reġjun Għawdex, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex u l-Maniġer tal-Kultura tar-Reġjun Għawdex. F'din il-laqgħa ġew diskussi l-passi li jmiss isiru sabiex jintlaħqu l-miri u d-*deadlines* li hemm. It-tieni laqgħa saret online nhar is-27 ta' Novembru, 2023. F'din il-laqgħa l-Maniġer tal-Kultura minn Reġjun Għawdex, is-Sinjorina Naomi Galea, tat *update* lill-Catherine Tabone mill-Valletta Cultural Agency li qed issegwi l-proċess tal-applikazzjoni.

50.4.3 il-Perit staqsa lil-ERA fir-rigward jekk hemmx bżonn ta' *nature permit* biex jitneħħew xi friegħi li qedgħin perikolużi għad-djar fi Triq Kerċem;

50.4.4 ġiet sottomessa applikazzjoni ġdida mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex titpoġġa *bring-in-site* ġdida fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex;

50.4.5 wara li deher artiklu fuq il-gazzetta '*The Indipendent'* rigward id-diżordni li hemm tal-imwejjed u s-siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ, is-Sindku qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jippublika fuq *Facebook*, l-ittri li jinħarġu mill-Kunsill biex jiġu żgumbrati l-imwejjed u s-siġġijiet kull meta jkun hemm attivita' relatata mal-Knisja ta' San Ġorġ jew attivitajiet oħra. Dan wara li jkun inġab il-permess mill-Awtorita' tal-Artijiet. Il-membri qablu;

50.4.6 rigward ir-rampi li saru illegalment fi Pjazza J.F Kennedy u fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex, il-Kunsill irrapporta kemm lill-Transport Malta (TM) u anke' lill-Pulizija. TM suppost għandha tieħu azzjoni pero' s'issa għad ma hemm ebda' żvilupp;

50.4.7 waqa' parti mill-gwarniċ tan-niċċa ta' San Alwiġi Consaga, li jinsab fi Triq Karita' kantuniera ma Triq Mons. Ġużeppi Farrugia. Is-Sindku qal li l-gwarniċ tal-ġebel inġabar biex ma ssirx aktar ħsara u ma jkunx hemm periklu. Sadanittant minn naħa tal-Pulizija, tqabbad il-Perit tal-Ministeru għal Għawdex sabiex isir rapport fuq il-ħsara tan-niċċa. Il-

membri qablu li l-Kunsill jitlob il-permess tas-sid sabiex ikun jista' jsir restawr fuq din in-niċċa;

50.4.8 li minn naħa tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex reġgħet inkitbet ittra lill-Ministru tal-Intern fir-rigward tal-problema li qed tinħoloq meta jinħarġu l-permessi ta'depożitu ta' krejn jew makkinarju mill-Kunsilli Lokali u meta jkun ser isir ix-xogħol, il-kuntratturi jsibu l-vetturi pparkjati avolja jkunu tpoġġew it-tabelli u ma jkunux jistgħu jaħdmu. Din il-problema sseħħ kemm il-darba fir-Rabat u l-istaff isib diffikultà peress li l-kuntratturi jikkuntattjaw l-uffiċċju tal-Kunsill. Jiġri li meta tiġi kkuntatjatha l-LESA rigward din il-materja, dawn jgħidu li Għawdex m'hemmx kuntratt biex isir *towing* ta'dawn il-vetturi.

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-laqgħa.

## 50.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

50.5.1 l-Assoċjazzoni għall-Kunsilli Lokali rigward:-
i) kjarifika fuq l-inizjattiva biex in-naħla Maltija tiġi meqjusa bħala insett nazzjonali;
ii) Cir AKL 2023/106 – Kunsill Reġjonali tat-Tfal;

50.5.2 id-Direttorat għal-*Lifelong Learning* rigward korsijiet qosra assoċjati mal-*Lifelong Learning* li ser isiru bejn Frar u Mejju 2024;

50.5.3 il-kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq f'Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ma' l-isem ta' Triq it-Tabib Anton Tabone ma jistax jiżdied 'l-Ewwel President tal-Kunsill Ċiviku' peress li tali kambjament ikun ferm onoruż fuq ir-residenti kollha ta' din it-triq u dan peress li jinvolvi il-bdil tal-karti tal-identita', karti tal-bank u karti tal-liċenzja tas-sewqan fost oħrajn. Barra minn hekk, bħala prinċipju, jiġi evitat l-użu ta' ismijiet twal ta' toroq;

50.5.4 il-*Gozo Tourism Association* rigward il-*Gozo Tourism Awards* 2023;

50.5.5 l-Inġinier Mizzi li ħa ħsieb l-applikazzjoni tal-iskema Komunitajiet aktar siguri. Bil-fondi li ġew approvati jistgħu isiru CCTVs fit-toroq Palma, Mons. Ġużeppi Farrugia, Agius De Soldanis, fil-*Bus Terminus* u fi Triq Repubblika. Il-membri qablu li jintalab il-permess tad-Diviżjoni għal-Gvern Lokali sabiex jinġab il-kunsens biex jitnaqqsu l-postijiet fejn ġie propost li jisru s-CCTVs peress li tnaqqsu l-fondi mitluba.

50.5.6 l-Assistant Principal li ressaq talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 120.50 siegħa *vacation leave* u 1484.25 siegħa *donation leave* ġie mitlub li jiġi mgħoddi għas-sena 2024. Din it-talba ġiet approvata.

50.5.7 l-Assistant Principal li ressqet talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 102.50 siegħa *leave* ġie mitlub li jiġi mgħoddi għas-sena 2024. Din it-talba ġiet approvata.

## 50.6 Immaniġjar tat-Traffiku

Transport Malta (TM) approvat:-

50.6.1 *double yellow lines* fi Triq Għajn Qatet quddiem ir-residenzi bl-isem 'Santa Rita' u '*Holy Christ'*;

50.6.2 *keep clear bay* quddiem kanċell fi Triq Muniċipju Ruman;

50.6.3 *one metre double yellow line* fil-ġnub tal-garaxx tal-*Victoria Scout Group* fi Triq Santa Dminka.

50.6.4 TM ma ħarġitx il-permess għall-parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilita' quddiem *'Weeping Madonna'*, fi Triq Ċetta Mintoff peress li ma' din id-dar hemm garaxx.

50.6.5 Tressqet korrispondenza mill-*Operations Division* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn talbu *un-loading bay* għas-servizz tal-WBRU-CPSU li jinsabu fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

50.6.6 Rigward il-*bollards* li huma proposti għal fuq il-bankina quddiem il-knisja ta' Savina, il-membri qablu li jitpoġġew tlieta b'tali mod li ma jkunux jistgħu jitilgħu vetturi jipparkjaw quddiem il-Knisja u xorta jitħalla aċċess għal siġġu tar-roti.

50.6.7 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob il-parir ta' TM sabiex titkompla l-bankina quddiem il-*Victoria Scout Group* fi Triq Santa Dminka. Il-membri qablu.

## 50.7 *'New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.' LCF/16/2020 – update*

50.7.1 Richard Cauchi li hu l-kuntrattur tal-proġett tal-bdil tal-fanali fiċ-ċentru tar-Rabat ġie mistieden jidħol fil-kamra. Hu spjega kif tneħħa d-*difuser* tal-fanal li hemm fejn San Ġorġ tal-Ħaġar. Ittieħdu r-ritratti u ntbagħtu lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex dawn jiddeċiedu jekk il-bqija tal-fanali għandhomx isiru hekk u finalment dan il-kas jiġi konkluż u jinġabru l-fondi. Il-membri qablu li l-Kunsill jistenna r-risposta tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Cauchi ġie rringrazjat u ħareġ mill-kamra.

## 50.8 Attivitajiet tal-Milied

50.8.1 Ser jiġi organizzat Kunċert tal-Milied bl-isem *'Strings for Christmas'* nhar it-Tlieta, 26 ta' Diċembru, 2023, fil-Knisja ta' San Franġisk. Dan bis-sehem tal-'Kastell *String Trio'* u l-*leader* Pierre Louis Attard.

50.8.2 Tressqet korrispondenza mingħand is-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali rigward l-attivita' 'Rigal b'Imħabba 2023'. Il-membri qablu li l-Kunsill jixtri tlett rigali.

50.8.3 Il-membri qablu li jgħinu fl-organizzazzjoni tad-dimostrazzjoni tal-Bambin tal-Milied li din is-sena s-Soċjeta' tal-MUSEUM ser torganizza mal-Parroċċa ta' San Ġorġ. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €300 f'loġistika.

**50.9 Żjara f'Nichelino – *Nurseries* tal-Futbol tar-Rabat**

50.9.1 Il-Viċi Sindku qal li saret laqgħa bejn rappreżentanza tal-Kunsill u rappreżentanti tal-S.K. Victoria Wanderers u Oratory Yourths F.C. Dawn iż-żewġ timijiet għandhom tim tal-U11 fin-*nursery* tagħhom fir-Rabat. Is-Sur Paul Galea ukoll kien mistieden jattendi għal din il-laqgħa.

50.9.2 Azzopardi qal li ntlaħaq ftehim li jitla tim minn kull *nursery* tal-U11, kull tim ikollu erbatax-il tifel biex ikun jista' jsir *tournament* fuq jumejn li fih jipparteċipa ukoll it-tim minn Nichelino. Il-membri qablu.

50.9.3 L-ewwel ħsieb kien li t-*tournament* isir fil-vaganzi tal-Għid 2024, pero' dan iż-żmien għadu qed jiġi kkunsidrat peress li jkun *high season* u l-prezzijiet jistgħu ikunu xi ftit għoljin. Sadanittant qed jinġabbru l-kwotazzjonijiet tat-titjiriet u tal-akkomodazzjoni. L-alternattiva hi li t-*tournament* isir fil-vaganzi tal-Karnival. Il-membri qablu li tiġi esplorata l-aħjar possiblita'.

50.9.3 Il-membri ddiskutew l-ispejjeż li ser ikollu l-Kunsill. Qablu li wara li jinġabbru l-kwotazzjonijiet, ikunu jistgħu jinxtraw it-titjiriet tat-tfal u tal-Futbol *Coaches*. Ma' dawn il-Kunsill iħallas l-ispejjeż tal-kordinaturi li huma s-Sindku, l-Viċi Sindku u is-Sur Paul Galea. Il-membri qablu li għandu jkun hemm ukoll membru tal-Kunsill ieħor fid-delegazzjoni u dan jitla' bix-xorti bejn il-membri li huma nteressati li jattendu.

50.9.5 Il-membri qablu li t-tfal iħallsu l-akkomodazzjoni tagħhom u l-ġenituri li ser jitilgħu għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom kollha huma.

50.9.6 Waqt din id-diskussjoni is-Sindku ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress peress li t-tifel tiegħu ser jieħu sehem f'dan it-*tournament*.

**50.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

50.10.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2023, skont Dokumenti A u B annessi.

50.10.2 Ġew approvati kontijiet ta' Gatt Tarmac Ltd. ta' xogħol li sar mill-Kunsill preċedenti. Dan ix-xogħol kien releatat mal-proġett tal-ERDF u jikkonsisti fil-provediment tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, dranaġġi, ilma u dawl fi Pjazza Indipendenza. Dan ix-xogħol sar skont il-kuntratt maħruġ u ġie approvat għal-ħlas wara li ġie ċertifikat mill-Perit fl-4 ta' Diċembru 2023.

**50.11 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li :-

50.11.1 jintalab lit-Taqsima tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, sabiex il-bankina li hemm fi Pjazzetta fuq it-Tomba, titkompla kollha pariġġ kif kienet saret l-ewwel parti li qiegħda fil-kantuniera ma' Pjazza Santu Wistin;

50.11.2 rigward is-*cement* li sar fil-gandott tal-mogħdija tal-ilma fi Pjazza Indipendenza minn xi ħwienet, is-Sindku ser jitkellem ma' dawn is-sidien sabiex inkunu nafu eżatt għaliex dan sar.

**50.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

50.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ħamis, 11 ta' Jannar, 2024.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |